CittaNotabile

# AGENDA

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti mqajma
3. Komunikazzjoni mis-Sindku
4. Korrispondenza
5. Approvazzjoni ta' Ħlasijiet u ħlasijiet ta' Petty Cash
6. Affarijiet oħra meqjusa urgenti
7. Aġġornament

Minuti tal-laqgha numru 42 tas-seba Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 12 ta' Awwissu 2016 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter Sant Manduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Prezenti |
| Kunsillier | Mary Ann Sultana | MS | Prezenti |
| Seg. Ezekuttiv | Mark Mallia | MM | Prezenti |

**42.1 Approvazzjoni tal-Minuti**

42.1.1 Il-Minuti tal-Laqgħa numru 40 ġew approvati

**42.2 Punti Mqajma**

42.2.1 Il-Kunsilliera CS staqsiet jekk kienx hemm xi progress fuq il-permess tal-MEPA rigward It-Tomba.

42.2.1.1 Is- Sindku PSM wieġeb li l-Kunsill m'hux f'posizzjoni li jħallas l-ammont ta' € 9000 biex jitkompla l-proċess u għalissa sakemm il- Kunsill jkun f'posizzjoni finanzjarja aħjar dan il-proċess mhux ser jitkompla.

**42.3 Komunikazzjoni tas- Sindku**

42.3.1 Is-Sindku PSM infurma lill-Kunsill li kellu laqgħa mal-kuntrattur C. Gauci fuq l-*ispillage* li qed jkun hemm kull jum hekk kif ikun qed jgħabbi l-boroz ta' l-iskart fejn din il-problema trid tiġi rizolta darba għal dejjem. Huwa qal li wara li kellmu jidher li kien hemm progress.

41.3.2 Is-Sindku PSM infurma lill-Kunsill li hemm bzonn li d-dustbin li hemm quddiem il-Kunsill jitpoġġa fuq is-Sur għar-raġuni li d-dustbins li hemm ezistenti mhux qed ilaħħqu mad-domanda. Sadanittant huwa ġie avviċinat mis- Sur F. Tabone propjetarju tal-ġelaterija li hemm fejn is-Sur fejn qed joffri li jħallas għal zewġ dustbins biex itaffi il-problema ta' l-iskart.

42.3.3 Is-Sindku PSM talab lis- SE biex jordna plakka biex titwaħħal taħt l-istatwa intitolata lil ex President ta' Malta, Pawlu Xuereb.

42.3.4 Is-Sindku PSM tkellem fuq il-laqgħa li saret mad-Direttur tad-Dipartiment għal Gvern Lokali fuq l-andament tal-Kunsill ta' l-Mdina u l-operat tiegħu.

42.3.5 Is- Sindku PSM infurma lill- Kunsill li ser issir laqgħa mal-Lands Department nhar it- Tlieta, 23 ta' Awwissu 2016 biex tiġi solvuta l-kwistjoni tal- kiri ta' Casino Notabile lil terzi persuni.

42.3.6 Is-Sindku PSM tkellem fuq il-laqgħa li kellu ma' l-inġinier biex tinħareġ kwotazzjoni għat-twaħħil ta' arbli ġodda fil-ġnien iz-zgħir ta' Howard Gardens.

42.3.7 Is- Sindku PSM tkellem fuq il-laqgħa li kellu ma Fr. Francalanza fir-rigward tar-restawr tas-salib ġewwa l-ġnien z-zgħir ta' Howard Gardens fejn talbu li jingħata rapport fuq ir-restawr li jrid isir fuq dan is- salib.

42.3.8 Is- Sindku PSM wera d-dispjaċir tiegħu li għal din is-sena l-organizzaturi ta' l- Imdina Grand Prix ddeċidew li jbiddlu l-isem għal Malta Car Classic. Dan id-dispjaċir urih direttament ma' l-organizzaturi u infurmhom li wara li ssir din l-attivita ser isir post mortem mill- Kunsill u deċizjoni tittieħed min hemm jekk ssirx jew le din l-attivita is-sena d-dieħla ġewwa l-Imdina.

42.3.9 Is- Sindku PSM ta xi dettalji fuq il-laqgħa li kellu mal-KNPD rigward ir-rampa li qed tintalab li ssir fuq is- Sur. Huwa għamilha ċara li bħala kunsill ma aħniex lesti li nieħdu ħsieb il-manutenzjoni u l-operat ta' din ir-rampa f'kaz li din issir.

## 42.4 <u>Korrispondenza</u>

42.4.1 Ilment mingħand is- Sinjura Vella Brincat li hemm bzonn isir xi ħaġa għal dawk il-persuni li huma fil-pussess ta' Blue Bage Card minħabba li l-vetturi tagħhom mhux qed jiġu rikonoxxuti mis-CCTV cameras ta' l-Imdina bil-konsegwenza li qed jaqalgħu ċitazzjoni. Is- Sindku PSM talab li ssir laqgħa mal- G4s, l-operaturi tas-sistema biex tiġi solvuta din il-problema.

42.4.2 Ċirkulari mid- DLG: Inizjattivi dwar faċilitajiet ta' Parkeġġ fil-Lokalitajiet. Is- Sindku PSM talab li għandna ngħarfuhom bil-ħsieb ta' parkeġġ ġeww Għajn Ħamiem.

42.4.3 Ittra mingħand Transport Malta fejn qed jitolbu li jiġu ndividwati zewġ postijiet f'kull raħal biex jitpoġġew zewġ *electric vehicle charging points.* Il-Kunsill talab lis- SE biex jissuġerixxi li dawn isiru fejn il-lift tal-Fosos

42.4.4 Ċirlulari mid- DLG: Restawr ta' Postijiet Storiċi. Il-Kunsill ma jistax jibbenifika min din l-inizjattiva peress li diġa saru xi xogħolijiet mid- Direttorat tar- Restawr li jinkludu Casino Notabile u il-fortifikazzjonijiet.

42.4.5 Talba biex titneħħa l-bin li hemm Howard Gardens quddiem l-istage tal-linja peress li qed timblokka l-aċċess għal persuni b'disabilita'.

**42.5** **Approvazzjoni ta' Ħlasijiet u ħlasijiet ta' Petty Cash**

41.5.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tat-12 ta' Awwissu 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 15,852.01.

41.5.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsilliera CS li kien issekondat mill-Kunsilliera MS. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li huwa dokument korrett.

**41.7** **Affarijiet oħra meqjusa urġenti**

**41.7.1** Il-Kunsill ddiskuta il-BBQ annwali li jsir ġewwa l-Imdina u ġie deċiz li din issir nhar l-Erbgħa 7 ta' Settembru 2016. Is- SE intalab joħroġ sejħa għal-kwotazzjonijiet.

**41.8** **Aġġornament**

41.8.1 Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata għas-6 ta' Settembru 2016 fit-3pm.

_________ _______ ________________

Peter Sant Manduca — Mark Mallia

Sindku — Segretarju Ezekuttiv